**9 ta' Marzu, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Manwel Mallia**

**Traffiku — "Overtaking" — Sewqan Negligenti u Sewqan Perikoluż.**

*Kriterju fiss bejn sewqan negliġenti u sewqan perikoluż ma hux faċli li jiġi stabbilit; kif lanqas ma jista' wieħed jagħti definizzjoni preċiża ta' sewqan perikoluż. Il-kwistjoni hi kollha waħda ta' "degree"; u kull każ għandu l-fattezzi tiegħu.*

*Fil-każ preżenti, l-imputat kien għamel manuvra ta' "overtaking", u l-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza appellata. li kienet sabitu ħati ta' sewqan perikoluż, billi ddikjaratu ħati ta' sewqan negliġenti biss.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Manwel Mallia, talli Bir-id-Deheb, fil-15 ta' Jannar 1959,

f'xi l-5.30 p.m., saq car 17904 b'manjiera perikoluża, u għaldaqstant il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Jannar 1959, li biha sabitu ħati u kkundannatu £5 multa, u ssospendiet-lu l-liċenzi tas-sewqan għal tliet xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

In vista tax-xhieda tas-surġent Debono, din il-Qorti tħoss dubju dwar jekk, minbarra x-char-a-banc, kienx hemm ukoll car ieħor warajh; u għalhekk sejra tivviżwa-lizza l-każ daqs kieku kien hemm biss ix-char-a-banc, u li għalhekk l-imputat, bil-car li kien qiegħed isuq, qala' l-barra minn dan ix-char-a-banc biss;

Id-difensur tal-imputat osserva li ma hemm xejn fil-fatt li driver jaqla' l-barra minn karrozza oħra; u dan hu veru, purkè, però, dan l-"overtaking" isir f'ċirkustanzi tali li d-driver li jkun ikollu raġun jaħseb li jista' jaqla' l-barra b'sikurezza għalieh u għal "road-users" oħra. Fil-Highway Code hemm, "inter alia", dawn iż-żewġ regoli dwar din il-materja:— "(28) Never attempt to overtake, if by doing so you are likely to inconvenience or endanger any other road-user"; "(34) Never overtake at crossroads";

Issa, din il-Qorti taħseb, f'dan il-każ, li l-imputat ma kienx ġustifikat jagħmel l-"overtaking" tax-char-a-banc. Evidentement hu ma kienx f'pożizzjoni li jara sewwa jekk kienx ġej traffiku ieħor mid-direzzjoni opposta. Infatti, fil-fatt kien ġej car ieħor, u għal daqsxejn ma saretx kolliż-joni. Barra minn hekk, l-imputat ammetta li kien mgħaġ-ġel, u milli jidher kien talment mgħaġġel li minflok, wara l-"overtaking", ġibed għas-side tiegħu, baqa' sejjer biċċa għad-dritt, u għalhekk kien għoddu ħabat mal-car l-ieħor,

Fl-aħħarnett, salib it-toroq ma kienx bgħid, in relazzjoni għal li "speed" ta' xi tletin mil fis-sigħa li bih hu kien għaddej; u hu ovvju li r-riskju tal-manuvra tal-"overtaking" hu akbar fil-viċinanzi ta' "cross road";

Jingħad ukoll li t-trieq fil-kwistjoni hi traffikuża, u għalkemm wiesgħa, però, f'dan it-tratt partikulari fejn żvolga ruħu dan l-inċident, kien hemm biċċa ħajt imġarrfa, u kwindi l-ispazju ġie b'hekk ristrett;

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk dan l-aġir tal-imputat kienx biss sewqan negliġenti jew anki sewqan perikoluż;

Din il-Qorti kellha ta' spiss okkażjoni tgħid li kriterju fiss bejn sewqan "negliġenti" u sewqan "perikoluż" ma hux faċli li jiġi stabbilit; kif lanqas ma jista' wieħed jagħti definizzjoni preċiża ta' sewqan perikoluż. Il-kwistjoni hi kollha, kif dejjem qalu l-Qrati Ingliżi u din il-Qorti, f'din il-materja, waħda ta' "degree"; u kull każ għandu l-fattezzi tiegħu;

Issa, fil-każ preżenti, kieku l-imputat qabeż karrozza u char-a-banc f'kolp wieħed, din il-Qorti ma kienetx teżita tgħid li dan hu sewqan perikoluż fiċ-ċirkustanzi tal-każ; imma, peress li l-Qorti adottat il-verżjoni l-aktar żgura u beninja li kien hemm biss ix-char-a-banc li ġie maqbuż, allura l-konklużjoni ma hijiex ugwalment ċerta. Din il-Qorti, wara li rriflettiet, taħseb li fil-każ kien hemm "overtaking" li jikkostitwixxi sewqan negliġenti; għaliex dan kien negliġenti per sè, u negliġenti wkoll għax kien jimplika l-vjolazzjoni ta' diversi regolamenti stradali statutorji; imma ma taħsebx li l-każ hu biżżejjed gravi li jġib sewqan perikoluż;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell fissens biss li teskludi s-sewqan perikoluż, imma ssib l-imputat ħati ta' sewqan negliġenti, u dan għat-termini tal-art. 14 Kap. 105 bi ksur involut ta' regolamenti tat-traffiku statutorji; u kwantu għall-piena, fil-waqt li tħalli sħieħa

**dik tal-multa ta' £5, tirriduċi l-piena tas-sospensjoni tal-liċenza għal żmien tliet ijiem minn għada, 10 ta' Marzu 1959.**